MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 632/2014

**Damian Jean Carlo Vincent Borg *sive* Damian Pandolfino**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat tal-attur Damian Jean Carlo Vincent Borg *sive* Damian Pandolfino [detentur tal-Passaport tar-Renju Unit bin-numru 508969636] datat 15 Lulju 2014 fejn espona: -

**RAGUNI TAT-TALBA**

Illi l-attur twieled gewwa Bath, Renju Unit minn genituri Maltin nhar l-1 ta' Gunju 1964;

Illi l-attur dejjem kien maghruf bl-isem Damian Pandolfino u effettivament permezz ta' *Statutory Declaration* li saret fir-Renju Unit huwa gie formalment maghruf bhala Damian Pandolfino, tant hu hekk li kemm fil-passaport kif ukoll fil-licenzja tas-sewqan tieghu mahrugin mill-awtoritajiet tar-Renju Unit (Dok. 'C' u 'E' rispettivament) huwa indikat bhala Damian Pandolfino;

Illi pero` meta l-attur irregistra c-certfikat tat-twelid tieghu hawn Malta, fic-certifikat tat-twelid mahrug mill-awtoritajiet Maltin (Dok. 'J') huwa gie ndikat bhala li jismu Damian Jean Carlo Vincent u li kunjomu Borg;

Illi kwindi huwa evidenti li c-certifikat in kwistjoni mahrug mill-awtoritajiet Maltin mhux qed jirrifletti r-realta` u qed jikkreja wkoll konfuzjoni mad-dokumentazzjoni ufficjali mahruga mill-awtoritajiet ta' pajjiz iehor ta' l-Unjoni Ewropea, u cjoe` r-Renju Unit;

Illi ghalhekk jehtieg li c-certifikat inkwistjoni Dok. 'J' jigi korrett sabiex dan jirrifletti r-realta` tal-fatti u ma tigix ukoll ikkrejata konfuzjoni.

TALBIET

Illi jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjoni li l-attur kien konsistentement imsejjah bl-isem ta' **"Damian Pandolfino"** u mhux bl-isem ta' **"Damian Jean Carlo Vincent Borg"** li jidher fl-Att tat-Twelid bin-numru 1712 tas-sena 2014, joghgobha:

1. Tordna l-korrezzjoni ta' **l-ATT TA' TWELID** *ACT OF BIRTH* ta' l-attur (Dok.'J') **(Numru li jmiss ta' l-iskrizzjoni** *Progressive number of the inscription* **Data ta' meta dahal l-att** *Date of receipt of the act* 16/04/2014) ta' l-attur billi fil-kolonna **"Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha.** *Name or names by which the child is to be called"* jitnehhew l-ismijiet "DAMIAN JEAN CARLO VINCENT BORG" u minflokhom jitnizlu l-ismijiet **"DAMIAN PANDOLFINO".**

2. Konsegwentement il-bdil effettwat fl-att tat-twelid mertu ta' dawn il-proceduri jigi rifless f' kull att ta' l-istat civili relattiv ghall-istess attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa stess huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-30 ta' Settembru 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 25 ta’ Awwissu 2014 (fol 24) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu ddikjara u kkonferma dan li ġej:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* **tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi l-esponent jirrileva li fuq l-att tat-twelid Malti tar-rikorrenti, ismu tnizzel skont ma’ jirrizulta mill-att ta’ twelid maghmul f’ Bath ir-Renju Unit u li kunjomu tnizzel skont dak li huwa stess iddikjara fid-dokument anness u immarkat **Dok** DRP 1. Fil-fatt tajjeb li wiehed jenfasizza li skont l-att tat-twelid barrani tar-rikorrenti, li gie anness fir-rikors guramentat bhala Dok A, ma hemmx indikazzjoni tal-kunjom li kien ser jassumi u allura peress li fuq l-att tat-twelid Malti jitnizzel il-kunjom ukoll, id-Dipartiment kellu jistrieh fuq dak li ddikjara r-rikorrenti f’ Dok DRP 1 meta gie biex jirregistra l-att tat-twelid tieghu fir-Registru Pubbliku. Skont dan id-dokument jidher car li r-rikorrent indika li kunjomu huwa "Borg" b'dan pero` li nizzel ukoll li huwa maghruf bil-kunjom "Pandolfino". Ghalhekk dan l-istat ta' konfuzjoni dwar kunjomu ikkrejah ir-rikorrenti stess.

3. Illi ghalkemm ir-rikorrenti iddikjara li ghamel *Statutory Declaration* fejn gie formalment maghruf bil-kunjom "Pandolfino" dan mhux rifless fl-att tat-twelid originali li sar fir-Renju Unit jew saret xi annotazzjoni f’ dan is-sens u ghaldaqstant I-att tat-twelid Malti kellu jsir skont dak li jirrizulta fuq l-att tat-twelid li r-rikorrenti pprezenta fir-Registru Pubbliku. Ghalkemm ir-rikorrenti jghid li tilef il-kopja originali tal-i*Statutory Declaration,* l-esponent isibha inverosimili kif ma rnexxilux jikseb kopja awtentikata taghha mill-Awtoritajiet gewwa ir-Renju Unit.

4. Illi fir-rigward ta' dak premess f' paragrafu numru 5 tar-rikors guramentat u cioe` li *"f'dan l-istess certifikat gie rikonoxxut il-fatt li l-attur huwa maghruf bil-kunjom PANDOLFINO (vide notament fil-parti t'isfel tal-imsemmi dokument)"* l-esponent jghid li dak in-notament sar mhux ghax ir-Registru Pubbliku irrikonoxxa l-kunjom "Pandolfino" izda ghaliex meta r-rikorrent mar biex jirregistra l-att tat-twelid *ai termini* tal-artikolu 244 tal-Kap 16, fuq in-naha t'isfel tal-att isir notament dwar min ikun ikkonsenja lid-Dipartiment ic-certifikat originali ghar-registrazzjoni. F' dan il-kaz il-persuna li giet bic-certifikat kien ir-rikorrent stess u hu pprezenta bhala dokument ta' identifikazzjoni l-passaport mahrug mir-Renju Unit fejn ismu kien jurih bhala "Damian Pandolfino". Peress li l-ufficjal inkarigat kien f' sitwazzjoni fejn kellu persuna li effettivament kellha zewg identitajiet u cioe' "Damian Pandolfino" u "Damian Jean Carlo Vincent Borg" hu ghamel in-notament imsemmi.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma t-Tlieta, 19 ta' Mejju 2015 fejn meta ssejjhet il-kawza deher Dr. Carlo Vigna ghar-rikkorent u Dr. Maurizio Cordina ghall-intimat. Id-difensuri tal-partijiet iddikkjaraw li m'ghandhomx

iktar provi. Saret trattazzjoni mid-difensuri tal-partijiet. Id-difensur tal-partijiet ttrattaw il-kawza u qablu li tista' tigi differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Lulju 2015, fid-9:30am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza istitwita *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* **tal-artikolu 254 tal-Kap.16** saret debitament skont il-Ligi nhar it-22 ta' Lulju 2014 (fol 19 tal-process), u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija sorvolata.

Il-fatti tal-kaz huma fil-qosor is-segwenti. L-attur twieled f'Bath, fir-Renju Unit, fit-3 ta' Mejju 1964 minn genituri Maltin minn Joachim Borg u Adelaide nee Pandolfino. Sussegwentement permezz ta' *Statutory Declaration* li sar fir-Renju Unit fit-3 ta' Mejju 1982, ir-rikorrent gie maghruf bhala Damian Pandolfino. Huwa jsostni li, fil-fatt, kien dejjem maghruf bil-kunjom ta' ommu biss. Meta gie biex jirregistra l-att tat-twelid f'Malta, fic-certifikat jirrizulta li kunjomu tnizzel bhala ‘Borg' u mhux 'Pandolfino' skont is-*Statutory Declaration.* Ghalhekk jilmenta li hemm konflitt bejn dan ic-certifikat **(Dok J)** u d-dokumenti ufficjali tieghu, senjatament il-Passaport tieghu rilaxxjat mir-Renju Unit, kif ukoll mar-realta' tal-hajja tieghu. Ghalhekk qed jitlob korrezzjoni tal-Att tat-Twelid rilaxxjat mill-Intimat (**Dok.J)** sabiex kunjomu jigi mgharraf bhala 'Pandolfino' b'sostituzzjoni ghal kunjom 'Borg'.

Illi l-istess intimat oppona ghat-talba attrici billi eccepixxa li l-iskrizzjoni li saret f'Malta segwiet id-dettalji registrati fuq ic-certifikat tat-Twelid mahrug mir-Renju Unit. Difatti dan l-att m'ghandu l-ebda indikazzjoni tal-kunjom 'Pandolfino' bhala l-kunjom li l-attur assuma. Skont dan id-dokument kunjom l-attur huwa 'Borg' minghajr konferma tat-tibdil li l-attur jghid li sehh permezz tas-*Statutory Declaration* .

**Provi Prodotti**

Ir-rikorrent esebixxa kopja tal-Passaport Ingliz tieghu (**Dok.C)** fejn kunjomu huwa indikat bhala 'Pandolfino' minghajr referenza ghall-kunjom 'Borg'. Madanakollu baqa' ma pproduciex kopja awtentikata jew apostillata tal-*iStatutory Declaration* u strah biss fuq affidavits tieghu fejn stqarr li tilef id-dokument originali tal-*iStatutory Declaration* u lanqas kellu kopji tieghu. Esebixxa ukoll diversi dokumenti fejn ismu hu indikat bhala 'Damian Pandolfino', liema, izda, jmorru lura biss sas-sena 2003 mentri jghid li ghamel id-dikjarazzjoni fis-sena 1982.

Illi meta xehed quddiem din il-Qorti[1] kkonferma li l-petizzjoni tad-divorzju riferibbilment ghaz-zwieg tieghu, kif ukoll id-dokumenti tas-separazzjoni tieghu kollha huma fil-kunjom 'Pandolfino' u difatti anke martu u uliedu huma maghrufin b'dan il-kunjom u mhux bil-kunjom 'Borg'. Qal li minn dejjem kien maghruf b'dan il-kunjom anke meta ghex Malta ta' tifel, qabel ma rega' telaq lejn ir-Renju Unit meta kellu 16-il sena.

[1] Seduta tat-22 ta' Jannar 2015.

Illi esebixxa wkoll kopja fotostatika ta' dokument informattiv mahrug mill-Ufficcju tal-Passaporti fl-Ingilterra minn fejn jirrizulta x'inhi l-prova rikjesta fejn hemm tibdil fl-isem. Izda kif murija f'pagna 53, l-Ufficcju tal-Passaporti huwa soddisfatt jew b'kopja tas-*Statutory Declaration* jew b'affidavit tal-applikant. Ma jirrisultax minn dan id-dokument liema minn dawn il-provi esebixxa l-attur.

Illi r-rikorrent inghata l-opportunita' waqt dawn il-proceduri sabiex jirregola ruhu dwar il-prova tas-i*Statutory Declaration* u giet appuntata seduta sabiex jitressaq xhud ghal dan l-iskop, izda baqa' ma sar xejn.

Illi **Dr. Mariella Silvio** ghall-Intimat, xehdet b'affidavit (fol 57) fejn spjegat li meta d-Dipartiment ikun mitlub jaghmel registrazzjoni *ai termini* tal-**artiklu 244 tal-Kap 16**, l-appikant huwa mitlub jissottometti formola. Fil-kaz tar-rikorrent, dan hu muri a fol 62 fejn iffirma li isem u kunjomu huma 'Damian Borg (known as 'Pandolfino').'

Inoltre xehdet li l-i*Statutory Declaration* ma tistax tigi registrata fir-Registru Pubbliku ghaliex ir-Registru Pubbliku jirregistra informazzjoni li temani mill-att tat-twelid fl-Ingilterra. Ma jigux registrati *deed polls* jew *statutory declarations* sabiex ibiddlu dak li jemani mill-att tat-twelid mahrug minn awtorita' kompetenti barranija.

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt kif Applikati ghall-Fatti partikolari ta' dan il-kaz.**

Illi r-registrazzjoni li ghamel ir-rikorrent tal-Att tat-Twelid originali tieghu saret *ai termini* tal-**artiklu 244 tal-Kap.16** li tiddisponi li:-

***"244.** (1) Kull att ta' twelid,  ta' żwieġ,  ta' unjoni jew ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta'mewt ta' ċittadin ta' Malta magħmul jew reġistrat f'pajjiż barrani minn awtorità kompetenti f'dak il-pajjiż, li ma jkunx att magħmul jew reġistrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista', fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtentiċità ta' dak l-att, jiġi reġistrat f'dawn il-Gżejjer bl-istess mod bħallikieku kien att magħmul minn waħda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li tagħmel it-talba għandha, għall-finijiet tar-reġistrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba."*

Illi l-att originali jinsab esebit bhala **Dok.A** a fol.5 tal-process. Hemm kolonna intestata *Name entered after registration* li hija ingassata u ma jidher l-ebda annotazzjoni fuq dan l-att.

**Ikkonsidrat** li talba simili gie determinata mill-Qorti tal-Appell fil-kaz **Anthony Mallia et v Direttur tar-Registru Pubbliku** (31 ta' Jannar 2011). F'dik il-kawza, l-Qorti tal-ewwel istanza kienet iddisponiet hekk fir-rigward tar-rikonoxximent ta' *deed poll:*

*"Illi ghal dak illi jirrigwarda d-'deed-poll', ghalkemm din mhijiex debitament awtentikata il-Qorti tara illi gie ippruvat illi l-awtoritajiet Inglizi imxew fuq din id-'deed poll' u hargu l-passaport tal-attur f'kunjom missieru u ghal din il-fini giet esebita fotokopja tal-passaport Ingliz mahrug f'isem l-attur*

*bil-kunjom Mallia mill-Awtoritajiet Inglizi."*

**Izda l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma qabblitx** ghar-ragunijiet ta' mankanza tal-ahjar prova. Gie ribadit li :

*"Din il-Qorti mhux sodisfatta bil-prova li saret. Ma gietx esebita kopja ufficjali ta' dan l'hekk imsejjah 'deed poll', u lanqas prova tar-registrazzjoni taghha mal-awtoritajiet Inglizi. ....... Il-fatt li l-awtoritajiet Inglizi hargu passaport fuq l-attur bil-kunjom "Mallia", ma jistax jitqies prova ta' aktar minn dan.*

*Fuq kollox, dan il-kaz kien jirrikjedi li tigi pprezentata kopja ufficjali tad-'deed poll' u tar-registrazzjoni taghha, u xhieda tal-effetti ta' dik l-istqarrija taht il-ligi Ingliza. Din il-Qorti ma gietx infurmata jekk b'rizultat ta' dak id-'deed poll 'saritx xi annotazzjoni fuq ic-certifikat tat-twelid Ingliz tal-attur, ma saritx 'proof of foreign law', f'dan il-kaz tal-ligi Ingliza, dwar il-validita` u l-effetti ta' dik id-deed poll. Dik il-prova kienet tispetta lill-attur, u skont principji ta' dritt internazzjonali privat, jekk ma ssirx tali prova, il-presunzjoni hi li l-ligi estera hi simili ghal dik Maltija. Fil-fatt fil-kawza* ***Saliba v. Lawson****, deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Frar 1932 intqal li:*

*'chi invoca in un gudizio l'applicazione di una legge straniera assume l'onere della prova dello stato di quella legge per rilevarne le differenze dalla legge locale, come dimostrazione di un punto di fatto, e non basta meramente citare quella lege; mancando tale prova, e` da applicare la legge locale.'*

*Taht il-ligi Maltija, wiehed ma jistax "jirrinunzja" ghall-kunjom u jaddotta iehor, u kwindi, taht il-ligi Maltija, dak id-'deed poll' jitqies null. Kien*

*jinkombi fuq l-attur li jipprova li, taht il-ligi Ingliza, dak id-dokument hu validu, u ghandu l-effetti li jippretendi.*

*Ghalkemm ma hemmx zball fis-sens tal-ligi, din il-Qorti kienet tkun disposta li tordna li jsiru l-annotazzjonijiet mehtiega fuq l-att tat-twelid tal-attur biex jigi indikat li hu maghruf bil-kunjom “Mallia”, kieku saret il-prova fuq indikata u gie muri bic-car li saret xi forma ta’registrazzjoni tal-bidla fuq ic-certifikat Ingliz, pero`, fin-nuqqas ta’ din il-prova, din il-Qorti ma setghetx taqbelmat-talbiet tal-attur."*

Il-Qorti taqbel ma’ din il-linja ta' hsieb. Izzid li bil-kaz odjern, ir-rikorrent mhuwiex qed jitlob li jzid kunjom ommu ma’ kunjom missieru - talba li setghet tirnexxi skont il-Ligi taghna independentement mill-kwistjoni tas-i*statutory declaration.* Imma li qed jitlob hu li jiskarta ghal kollox kunjom il-missier liema talba *ut sic* mhix permissibbli fil-Ligi Maltija. Ghalhekk hu mehtieg li jigi ppruvat mhux biss li sar *deed poll,* imma kien jenhtieg li tingieb il-prova tal-validita' u tal-effetti tieghu skont il-Ligi Ingliza - prova li ma saritx.

Illi l-abbli difensur tal-attur ghamel riferenza ghall-gurisprudenza l-aktar recenti fejn il-Qrati taghna kienu inqas rigidi fil-konsiderazzjonijiet taghhom ta' talbiet ghall-bidliet fl-atti tal-istat civili. Ad ezempju inghad li:-

"*Illi l-bidla f’Atti ta’ Stat Civili hija mahsuba mil-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna koncernata, u kif ukoll fl-interess tat-terzi, u huwa f’dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbet ghat-tiswija jew annotazzjonijiet f’atti bhal dawn;*

*Illi sewwasew minhabba li l-bdil fl-Atti ta' Stat Civili jolqot ukoll lil terzi persuni, il-Qrati taghna fissru li ghalkemm il-ligi ma tqisx iz-zieda jew il-bdil ta' kunjom l-attur bhala zball, ma tistax tinjora ghal kollox talba bhal din, specjalment fejn il-kunjom ikun inbidel taht xi sistema jew ordinament guridiku iehor. F'dawn il-kazijiet, ukoll fl-interess tat-terzi, il-Qrati laqghu talbiet ghal annotazzjonijiet fl-imsemmija atti bil-hsieb li jirriflettu bidliet bhal dawn[2]" (***Jason Paul Grixti v Direttur tar-Registru Pubbliku** (PA(JRM) - 24 ta' Ottubru 2002)."

Fil-kaz **Leonard Ellul sive Ellul Mercer et v Direttur tar-Registru Pubbliku -**(PA) (JRM) - 21 ta' Marzu 2002): - "*Illi din il-Qorti taghraf ukoll li l-ligi civili taghna tal-lum m'ghadhiex iebsa daqs kemm kienet qabel dwar dak li ghandu x'jaqsam mal-kunjom tal-persuna. Mhux biss ghaliex illum il-gurnata l-identita' ta' persuna hija stabilita u accertata b'mezzi ta' identifikazzjoni u registrazzjoni ohrajn, imma wkoll ghaliex jidher li hija r-rieda espressa tal-legislatur li jhalli li persuna izzid, matul hajjitha, kunjom iehor ma' dak li titwieled bih[3]. F'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li huwa evidenti wkoll li tali ghazla ma ssirx bilfors mill-genituri hekk kif it-tarbija titwieled, imma hija ghazla li tithalla fil-persuna nnifisha sa meta ssir tal-eta' li tkun tista' tiddeciedi hi;*

*Illi, ghalhekk, talba tista' tirnexxi mhux fuq il-bazi ta' zball fl-att izda fuq il-bazi ta' taghrif izjed siwi dwar il-persuna."[4]*

Illi din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tal-attur li l-fattur ta' pregiudizzju *o meno* ghal terzi hija l-unika konsiderazzjoni jew dik ewlenija li ghandha taghmel din il-Qorti.

---

[2] P.A. **31.10.1930**, fil-kawza fl-ismijiet ***McLean gia Abdillah vs Cremona nomine*** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.305)**

[3] Art.4(3) tal-Kap.16

[4] *App. Civ. **2.3.1994** fil-kawza fl-ismijiet **J.Zammit vs Direttur tar-Registru Pubbliku***

Fis-sentenzi citati, ebda wiehed ma kien jinvolvi t-tnehhija tal-kunjom tal-missier imma, jew kien hemm tibdil fil-mod kif jinkiteb **(Grixti v Direttur tar-Registru Pubbliku)**[5] jew riedu li jigi addottat il-kunjom tal-missier minnflok tal-omm (**Mallia v Direttur tar-Registru Pubbliku).** Ohrajn kienu jinvolvu z-zieda tal-kunjom tal-omm ad ez. **Harold u Hilda Ellul sive Ellul Mercer v Direttur tar-Registru Pubbliku** (PA) (JRM - 5 ta' April 2001).

Kif gie ribadit mill-Qorti tal-Appel fil-kaz **Damian Damian Schembri v Direttur tar-Registru Pubbliku** li kkonfermat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (fuq citata), fejn l-istess Qorti, in kwantu anke rilevanti ghall-kaz odjern sostniet li:-

*"Qatt ma kien il-hsieb tal-legislatur li jawtorizza bdil fil-kunjomijiet. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-14 ta' Frar, 1947 fl-ismijiet **"Joseph Cutajar vs Avv. Dr. John Scicluna noe"** – sentenza li,i ncidentalment, ma segwietx sentenza precedenti tal-Prim Awla tal-31 ta' Ottubru, 1930 fl-ismijiet **"Michele Mc Lean gia` Abdilla vs Notaro Salvatore Cremona nomine et"**, din ta' l-ahhar citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti aktar recentement fis-sentenza, li ghaliha jaghmel hafna referenza l-appellant, u cioe` **"John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku"**, 2 ta' Marzu, 1994:*

*"…hija haga maghrufa illi l-ligijiet ta' l-istat civili, bir-registrazzjoni ta' l-attijiet tat-twelid u taz-zwieg, kif ukoll tal-mewt, hija haga wisq importanti ghall-hajja civili tas-socjeta`, peress illi minn dawk l-annotazzjonijiet jiddependu hafna drittijiet tac-cittadini. Issa l-kunjom ta' familja, kif inhu l-partimonju ta' l-individwu, li l-familja ma tistax tinnegalu, huwa wkoll il-*

[5] PA JRM - 24 ta' Ottubru 2001

*patrimonju tal-familja li ghandha certu nteress li l-membri taghha jkunu maghrufa b'dak il-kunjom; u huwa wkoll patrimonju tas-socjeta` d-distinzjoni rispettiva tal-familji. Din hija l-bazi u l-ordni ta' kull socjeta`, u ghalhekk teoritikament ma jistax ikun permess lil persuna, l-ghaliex il-kunjom taghha ma joghgobhiex, taghzel kunjom iehor li jidhrilha li hu isbah, u forsi izjed skond l-idejat moderni prevalenti, u taddotta "marte proprio" dak il-kunjom gdid. Kieku jkun hekk, il-konsegwenza tkun id-dizordni u l-konfuzjoni fis-socjeta`, jekk kwantita` kbira ta' cittadini juzaw minn dak, jekk huwa dritt".*

Kif jidher car, il-posizzjoni tal-ligi taghna hija kontrarja ghal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, ghajr fil-limiti espressament konsentiti bil-Ligi (art.4(3) **92** u **292 A** tal-**kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta)** li ebda wiehed minnhom ma jikkontempla t-thassir tal-kunjom tal-missier li huwa l-ewwel kunjom trasmess in linea ta' dixxendenza paterna u abbazi ta' liema jigi stabbilit il-kunjom tal-familja.

Ghaldaqstant mhuwiex bizzejjed *ai fini* tat-talba odjerna, li r-rikorrent jipprova li ilu konsistentement maghruf bil-kunjom ta' ommu meta gja inghata kunjom missieru.

Illi din il-Qorti ghalhekk, ser taddotta l-linja mehuda mill-Qorti tal-Appell fil-kaz ta' **Mallia** fuq ccitat u, sabiex ma tippregudikax il-posizzjoni tal-attur li jirrimedja ghan-nuqqasijiet riskontrati f'din il-kawza, mhux se tichad it-talbiet tal-attur, pero`, se tillibera l-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, peress li l-attur naqas li jgib prova soddisfacenti tal-ligi estera li tirregola l-materja.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi** billi tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju minhabba nuqqas ta' prova.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mir-rikorrent

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------